31989L0321

17.5.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 133/33

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' April 1989

li temenda għat-tieni darba l-Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 77/96/KEE dwar l-eżami għat-Trichinae (*Trichinelle spiralis*) ma' l-importazzjoni minn terzi pajjiżi ta' laħam frisk li ġej minn majjal domestiku

(89/321/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/96/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar l-eżami għat-trichinae (*trichinella spiralis*) ma' l-importazzjoni minn terzi pajjiżi ta' laħam frisk li ġej minn majjal domestiku [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2], u partikolarment l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi studji riċenti ppermettew li jsiru ċerti metodi biex tinstab it-*trichinae* fil-laħam tal-majjal; billi kemm ta' min joqgħod fuq dawn il-metodi fil-fehma tal-protezzjoni tas-saħħa hija ekwivalenti għal dik tal-metodi li jeżistu; billi addizzjonijiet xierqa għandhom, għalhekk, isiru għall-Anness I tad-Direttiva 77/96/KEE;

Billi, sabiex ikun faċilitat ix-xogħol ta' l-eżami għat-*trichinae*, pajjiżi li mhumiex membri u l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħżlu bejn il-metodi provduti ta' l-eżami;

Billi l-miżuri stipulati b'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Veterinarji;

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 77/96/KEE hija hawnhekk emendata kif preżentata fl-Anness.

Artikolu 2

L-Istati Membri jġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 1989. Huma minnufih javżaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-27 t'April 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 67.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.

L-ANNESS

Il-punt VII li ġej huwa miżjud ma' l-Anness I tad-Direttiva 77/96/KEE:

"VII IL-METODU AWTOMATIKU TA' DIĠESTJONI GĦALL-KAMPJUNI MĦALLTA SA 35 g

(a) **Apparat u reaġenti**

— Sikkina jew imqass biex jaqtgħu l-kampjuni,

— tilari mmarkati b'50 kaxxa kull wieħed li jistgħu jżommu kampjuni ta' bejn wieħed u ieħor 2 g ta' laħam,

— *Blender* Trikomatiku 35 bl-addizzjoni ta' filtrazzjoni,

— soluzzjoni ta' aċidu idrokloriku 8,5 % ± 0,5 toqol,

— filtri tal-membrani polikarbonati trasparenti b'dijametru ta' 50mm u qies tal-pori ta' 14-il micron,

— saħħa tal-pepsina 1: 10 000 NF (US National Formulary)

li tikkorrospondi għal 1: 12 500 BP (British Pharmacopoea)

li tikkorrospondi għal 2 000 FIP (Fédération Internationale de Pharmacie),

— miżinn, eżatt sa 0,1 g,

— pinzetti bil-ponta ċatta,

— numru ta' *slides* mikroskopiċi b'tul fil-ġenb ta' mill-inqas 5ċm jew numru ta' mill-inqas 6ċm twaġen Petri mmarkati minn taħt mgħammra f'meded kbar ta' 10 × 10mm bl-użu ta' strument bil-ponta,

— mikroskopju (*stereo*) b'dawl trasmess (li jkabbar 15 sa 60 darba) jew trikinoskopju b'mejda oriżżontali,

— tank biex jiġbor fih il-likwidi żejda,

— numru ta' tankijiet ta' 10 litri biex jintużaw meta tkun applikata d-dekontaminazzjoni, bħal trattament tal-formol, għall-apparat u għall-likwidu li jibqa' ta' diġestjoni fil-każ ta' riżultati pożittivi.

(b) **Ġbir tal-kampjuni**

1. Fil-każ ta' karkassi sħaħ kampjun ta' madwar 2g għandu jittieħed mill-kolonna tad-dijaframma fit-transizzjoni tal-parti tal-muskoli. Fin-nuqqas tal-kolonni tad-dijaframma, kampjun ta' l-istess daqs għandu jittieħed mill-parti tal-kustilji ta' l-għadma tas-sider, parti mid-dijaframma, mill-muskolu tax-xedaq jew il-muskolu abdominali.
2. Għall-qtugħ tal-laħam, kampjun ta' madwar 2g għandu jittieħed tal-muskolu ta' l-iskeletru, li fih ftit xaħam u, fejn possibbli, viċin l-għadam jew l-għerq tal-ġisem.

(ċ) **Metodu**

1. *Proċedura tad-Diġestjoni*

— Poġġi l-*blender* bl-addizzjonii tal-filtrazzjoni, qabbad it-tubu li jarmi u wassal it-tubu għat-tank taż-żibel.

— Meta l-*blender* jinxtgħel, tibda tabba s-sħana.

— Qabel jinxtgħel, il-valvola ta' taħt, li tinstab taħt il-kompartiment tar-reazzjoni, għandha tinfetaħ u tingħalaq.

— Sa 35 kampjun ta' madwar 1g kull wieħed (f'25 sa 30 °C) meħuda minn kull wieħed mill-kampjun individwali, skond punt b, huma mbagħad miżjuda. Kun żgur li l-ikbar biċċiet ta' l-għerq tal-ġisem jitneħħew għax dawn jistgħu jsoddu l-filtru tal-membrana.

— Ferra l-ilma sax-xifer tal-kompartiment tal-likwidu konness mal-*blender* (madwar 400 ml).

— Ferra madwar 30ml aċidu idrokloriku (8,5 %) sax-xifer tal-kompartiment iżgħar, konness tal-likwidu.

— Poġġi l-filtru tal-membrana taħt il-filtru ħarex fil-post tal-filtru fejn jidħol il-filtru.

— 5g ta' pepsin huma miżjuda fl-aħħar. L-ordni ta' l-addizzjonijiet għandu tkun segwita strettament biex tkun evitata d-dekompożizzjoni tal-pepsin.

— Agħlaq l-għotjien tal-kompartimenti tar-reazzjoni u tal-likwidu.

— Agħżel il-perjodu tad-diġestjoni. Perjodu qasir ta' diġestjoni (5 minuti) għall-ħnieżer ta' żmien normali tal-qatla u ħin estiż ta' diġestjoni (8 minuti) għal kampjuni oħra. - It-tħallit awtomatiku jibda meta l-buttuna li tixgħel il-*blender* tingħafas u d-diġestjoni bil-filtrazzjoni wara xulxin ikompli awtomatikament.

— Wara 10 sa 13-il minuta l-proċess jitlesta u jieqaf awtomatikament.

— L-għatu tal-kompartiment tar-reazzjoni jinfetaħ meta jkun iċċekkjat li l-kompartiment tbattal. Jekk hemm ir-rawwa jew il-fdalijiet ta' likwidu tad-diġestjoni fil-kompartiment erġa' rrepeti l-proċedura skond il-punt 4.

2. *Ġbir tal-larva*

— Żarma fejn jinżamm il-filtru u ttrasferixxi l-filtru tal-membrana għal fuq *slide* jew taġen Petri.

— Il-filtru tal-membrana huwa eżaminat permess ta' mikroskopju jew trikinoskopju.

3. *Tindif tat-tagħmir*

— Fil-każ ta' riżultat pożittiv, imla l-kompartiment tar-reazzjoni fil-*blender* 2/3 b'ilma jgħali. Ilma normali tal-vit jitferra fil-kompartiment konness tal-likwidu sakemm jitgħatta s-sensorju tal-livell baxx. Il-programm awtomatiku ta' tindif imbagħad isir. Iddekontamina fejn jinżamm il-filtru flimkien mal-bqija tat-tagħmir, per eżempju permess ta' trattament formali.

— Wara x-xogħol tal-ġurnata imla l-kompartiment tal-likwidu fil-*blender* bl-ilma u wettaq programm normali.

4. *Il-metodu li għandu jintuża meta d-diġestjoni mhux kompluta u l-filtrazzjoni għalhekk ma tistax issir.*

Meta l-proċess awtomatiku fil-*blender* jitwettaq skond il-punt 1, iftaħ l-għatu tal-kompartiment tar-reazzjoni u ċċekkja jekk fadalx rawwa jew likwidu fil-kompartiment. Jekk dan ikun il-każ, wettaq il-proċedura li ġejja:

— Agħlaq il-valvola tal-qiegħ taħt il-kompartiment tar-reazzjoni.

— Żarma fejn jinżamm il-filtru u ttrasferixxi l-filtru tal-membrana għal fuq slide jew taġen Petri.

— Poġġi filtru ġdid tal-membrana fejn jinżamm il-filtru u arma fejn jinżamm il-filtru.

— Imla l-ilma fil-kompartiment tal-likwidu fil-*blender* sakemm is-sensorju tal-livell il-baxx jitgħatta.

— Wettaq il-programm awtomatiku ta' tindif.

— Wara li jitlesta l-programm ta' tindif iftaħ l-għatu tal-kompartiment tar-reazzjoni u ċċekkja għall-fdalijiet tal-likwidi.

— Jekk il-kompartiment vojt, żarma fejn jinżamm il-filtru u ttrasferixxi l-filtru tal-membrana b'pinzetta għal fuq *slide* jew taġen Petri.

— Iż-żewġ filtri tal-membrana huma eżaminati skond il-punt 2. Jekk il-filtri ma jistgħux ikunu eżaminati rrepeti l-proċess kollu tad-diġestjoni bil-ħin tad-diġestjoni estiż skond il-punt 1.

5. Fil-każ ta' riżultat pożittiv jew dubbjuż, wara r-riżultat tal-kampjun kollettiv, kampjun ieħor ta' 20g għandu jittieħed minn kull majjal skond il-punt b ta' hawn fuq. Dawn l-kampjuni għandhom ikunu investigati individwalment skond il-metodu fuq imsemmi."